**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Dolores Rose Mifsud ta' 37 sena bint Joseph Muscat u Pauline nee Borg li toqghod numru 7, Triq il-Hnejja, Sliema, Malta.**
**Karta ta' l-identita' numru 289662(M)**
**u**
**Teddy Mizzi ta' 43 sena bin Anthony u Mary Assunta nee Azzopardi li joqghod 'Peregrine', Triq Karlu Galea, Rabat, Ghawdex.**
**Karta ta' l-identita' numru 63256(G)**

Illum 28 ta' Novembru 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli f'dawn l-ahhar xhur u specifikament f'Novembru 1999 bnew jew hallew lil min jibni jew hallew illi jezistu hitan divizorji fil-fond porprjeta` taghhom numru 77, Triq ta' Wara s-Sur, Victoria, Ghawdex, meta l-istess hitan ma humiex mibnija skond l-arti jew s-sengha b'hekk huma perikolanti ghas-sidien tal-propejeta` vicina, (2) barra minn hekk hallew fl-istess stat ta' periklu l-imsemmija hitan divizorji wara li gew imwissija mill-pulizija nhar it-18 ta' Dicembru 1999.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika artikolu 321 tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap. 10).

Semghet il-provi;

Wara li l-prosekuzzjoni rtirat l-akkuza kontra Dolores Rose Mifsud, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza fil-konfront ta' Dolores Rose Mifsud.

Fil-konfront ta' l-imputat Teddy Mizzi, wara li ezaminat il-provi ma tara ebda raguni ghaliex ghandha ssib htija u ghalhekk ma ssibux hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur